MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 258/2004

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C B, li l-kunjom taghha b' digriet tat-8 ta' Novembru 2006 gie sostitwit ghal 'D', f' isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' nominata b' digriet tas-26 ta' April 2006 biex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri E, F u G B, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Jannar 1992, certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. JT 1, u matul dan iz-zwieg twieldu l-minuri E B fit-3 ta'

Gunju 2000 u t-tewmin F u G B fl-14 ta’ Gunju 2003, certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. JT2, JT3, u JT4 rispettivament;

Premess illi l-partijiet ilhom separati de facto l’ fuq minn sena u prezentement ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni;

Premess illi ricentement l-attur skopra illi t-tlett itfal minuri setghu ma kienux it-tfal tieghu u dan stante ammissjoni ta’ adulterju kontinwu da parti tal-konvenuta;

Premess illi ghalhekk il-partijiet flimkien mal-minuri issottomettu ruhhom ghat-testijiet tad-demm sabiex il-partijiet jivverifikaw jekk l-attur huwiex il-missier bijologiku tal-minuri imsemmija;

Premess illi minn dawn it-testijiet irrizulta li l-attur mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri E, F u G B;

Premess illi l-attur ma setghax jintavola din il-kawza qabel il-prezent stante illi dawn il-fatti sar jafhom recentement waqt il-proceduri tas-separazzjoni;

Premess illi fuq l-att tat-twelid tal-minuri E, F u G B, l-attur qieghed imnizzel bhala l-missier naturali tal-minuri;

Tghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li t-tifla bl-isem ta’ E B li twieldet mill-konvenuta C B fit-3 ta’ Gunju 2000, mhux bint l-attur kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid numru 2003 (Dok. JT1) u dana ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tiddikjara li t-tifla bl-isem ta’ F B li twieldet mill-konvenuta C B fl-14 ta’ Gunju 2003, mhux bint l-attur kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid numru 2102 (Dok. JT2) u dana ghar-ragunijiet fuq premessi.

3. Tiddikjara li t-tifla bl-isem ta’ G B li twieldet mill-konvenuta C B fl-14 ta’ Gunju 2003, mhux bint l-attur kif

jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid numru 2103 (Dok. JT3) u dana ghar-ragunijiet fuq premessi.

4. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmijin E, F u G B li jgib n-numru ta' iskrizzjoni 2003, 2102, 2103 rispettivament u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Atti tat-Twelid sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-atti imsemmija taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown"/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi, kontra l-konvenuta C B.

Il-konvenuti kollha ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna ta' denegata paternita' hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi jirrizulta li d-dikjarant li ta n-notifikazzjoni tat-twelid fuq it-tlett Atti tat-Twelid li jgibu n-numri progressivi ta' iskrizzjoni 2003 tas-sena 2000, 2102 tas-sena 2003 u 2103 tas-sena 2003 rispettivament kien l-attur stess.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kliem "the said" iridu jigu kkancellati min taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar id-dettalji ta' l-omm jekk it-talbiet attrici jigu milqugha.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li m'ghandux ibati l-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat in-nota guramentata presentata mill-konvenuta Dorrothy D, proprio et nomine, li biha hija ammettiet it-talbiet attrici[1];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-affidavits tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddijara li t-tifla E u t-tewmin F u G, ahwa B, li twieldu minn martu l-konvenuta C [illum D] fit-3 ta' Gunju u fl-14 ta' Gunju 2003 rispettivament, mhumiex il-wild naturali tieghu; u li ssir l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-atti tat-twelid rispettivi.

Mill-provi akkwiziti sa dan l-istadju jirrizulta li, wara li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Jannar 1992, huma kienu rrikorrew ghand il-Professur Edwin Grech peress li minkejja l-isforzi taghhom, il-konvenuta ma kienitx harget tqila.

[1] Fol.19

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid li mit-testijiet medici li saru dak in-nhar "irrizulta li l-attur kellu assenza totali ta' sperm count u ghalhekk ma setax ikollu t-tfal." u pprezentat kopji tar-rizultatati tat-testijiet datati 25 ta' Marzu u 7 ta' Settembru tas-sena 1993[2]. Illi tenut kont ta' din is-sitwazzjoni l-attrici tghid li kkommettiet adulterju proprju biex tissodisfa x-xewqa li jkollha t-tfal. Hija ghalhekk taqbel li l-imsemmija minuri mhumiex il-wild naturali ta' l-attur; u in sostenn ta' dan, hija prezentat r-rizultati tat-testijiet tad-DNA li gew mahlufa mill-awturi taghhom fit-8 ta' Lulju 2004.[3]

Fit-28 ta' Lulju 2004 l-attur istitwixxa dawn il-proceduri.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid li huwa fetah il-kawza malli sar jaf li t-tfal ma kienux tieghu; u spjega li kien waqt il-proceduri tas-separazzjoni li martu kienet ammettiet mieghu li hi "kellha wicc haddiehor". Kien f' dan l-istadju li l-partijiet qabblu li jsiru t-testijiet tad-DNA fuq indikati.

Rigward it-testijiet li saru fis-sena 1993 fuq parir tal-Professur Edwin Grech l-attur jghid li "Huwa minnu li ghamilna t-testijiet u minn dawn it-testijiet it-tobba kienu qalulna li l-isperma tieghi ma kienitx qawwija bizzejjed, izda qatt hadd ma qalilna li jiena ma jistax ikolli tfal. Kien qalilna li ma kienx facli, izda mhux impossibbli jew xi haga hekk."[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' denegata paternita' kontemplata fl-artikolu 70 tal-Kap.16 li huwa applikabbli ghaliha d-dispost ta' l-artikolu 73 li jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur sabiex zewg l-omm jippromwovi azzjoni ta' denegata' paternita' bhal dik in disamina.

Illi l-vertenza provokata mill-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tirrigwarda d-data li fiha f' dan il-kaz beda jiddekorri l-perijodu ta' sitt xhur preskritt mill-ligi b'

---

2 Fols.23 u 24
3 Fols.20 sa 22
4 Fol.53

referenza ghal paragrafu [a] u b’ mod aktar specifiku ghal paragrafu [c].

Illi jirrizulta car li bejn it-twelid tat-trabi u l-prezentata ta’ l-att tac-citazzjoni ghaddew aktar minn sitt xhur; u rrizulta pacifiku wkoll li ma kien hemm ebda celament tat-twelid tat-trabi. Infatti l-istess konvenut jghid li huwa kien iqishom bhala wild tieghu u kien ferhan bit-twelid taghhom. Jghid ukoll li huwa hadha bil-kbira hafna kif skopra li huwa mhuwiex missier it-tfal.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi relevanti, hija tal-fehma li l-versjoni mghotija mill-attur fis-sens li huwa ma kienx jaf li t-tfal ma kienux tieghu meta twieldu hija verosimili fic-cirkostanzi; tant li kien huwa stess li rregistrahom fuq ismu. Huwa jghid li kien jikkkunsidrahom uliedu, u li kien biss, meta saru t-testijiet tad-DNA kkonfermaw mod iehor, li huwa sar jaf li t-tfal ma kienux tieghu.

Ir-rizultat tat-testijiet gew mahlufa barra minn Malta fit-8 ta’ Lulju 2004 u fit-28 ta’ l-istess zhar l-attur ghamel il-kawza. Il-fatt li l-attur pproceda ghall-azzjoni odjerna f’ inqas minn xahar mid-data li sar jaf li huwa ma hux il-missier, jaghti konfort lit-tesi tieghu. Inoltre, l-azzjoni saret fiz-zmien il-perijodu ta sitt xhur li beda jiddekorri minn meta sar jaf il-verita’ rizultat tat-testijiet tal-paternita’ u meta allura kien fil-posizzjoni li jistitwixxi l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 70.

Il-Qorti taghmel referenza f’ dan ir-rigward ghas-sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Charles Ferriggi vs Alice Ferriggi” deciza 28 ta’ Jannar 2005.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi tirrespingi l-istess. L-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------